2026/2552

18.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2552

tad-9 ta' Novembru 2026

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Doganali stabbilit skont il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Secure Trade Partnership Plus ta' Singapore u tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875 ([1]).

(2) Skont l-Artikolu 6.3 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu, fejn xieraq, ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi tagħhom, inklużi aspetti bħat-trażmissjoni tad-data u l-benefiċċji miftiehma b'mod reċiproku.

(3) Skont l-Artikoli 6.17 u 16.4 tal-Ftehim, huwa possibbli li l-Kumitat Doganali, stabbilit skont l-Artikolu 16.2 tal-Ftehim, jadotta deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' programmi ta' sħubija kummerċjali.

(4) Il-Kumitat Doganali, matul it-tieni laqgħa tiegħu fl-2026 jew, soġġett għall-qbil tal-Partijiet, permezz ta' proċedura bil-miktub, huwa ppjanat li jadotta deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Secure Trade Partnership Plus ("STP Plus") ta' Singapore u tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat ("AEO") tal-Unjoni Ewropea.

(5) Ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi AEO u STP Plus jista' jtejjeb b'mod sinifikanti s-sigurtà u s-sikurezza u jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali billi jsaħħaħ is-sigurtà tal-katina tal-provvista internazzjonali

(6) Il- programmi AEO u STP Plus huma bbażati fuq standards ta' sigurtà rikonoxxuti internazzjonalment irrakkomandati mill-Qafas SAFE ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali adottat mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali f'Ġunju 2005.

(7) Iż-żjarat fuq il-post u evalwazzjoni konġunta tal-Programmi AEO u STP Plus urew li l-istandards tal-kwalifiki tagħhom għal skopijiet ta' sigurtà u ta' sikurezza huma kompatibbli u jwasslu għal riżultati ekwivalenti.

(8) Jekk tiġi adottata, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Doganali se tipproduċi effetti legali għall-Unjoni.

(9) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat Doganali dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi AEO u STP Plus,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (ĠU L 294, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/1875/oj).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Doganali stabbilit skont il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Doganali mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet tekniċi żgħar għall-pożizzjoni stabbilita fl-Anness mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

S. HARRIS